

# DRAMA FESTIVAL 82

901

TEATRU MANOEL

Il-Ħamis, 3 ta' Ġunju 1982, fid-9.00 a.m.
Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 1982, fid-9.00 a.m.
Is-Sibt, 5 ta' Ġunju 1982, fis-6.30 p.m.

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Youth Service Section
Dipartiment ta' l-Edukazzjoni
Lascaris
Valletta, Malta

ID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI

Jippreżenta

# FESTIVAL TAD-DRAMA TA' L-ISKEJJEL

1982

fit-Teatru Manoel

Taħt l-Awspiċi ta'

l'Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni

it-TABIB PHILIP MUSCAT

B.Sc., B.Pharm., M.D., M.P.

Il-Ħamis, 3 ta' Ġunju fid-9.00 a.m.
Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju fid-9.00 a.m.
Is-Sibt, 5 ta' Ġunju fis-6.30 p.m.

SKEJJEL PRIMARJI SEZZJONI A
IĊ-ĊIRKU MONDA JIPPREŻENTA

ta' Michael Fenech,
Maurice Siracusa

Skola Paola Primary "B"

"Iċ-Ċirku Monda' huwa xogħol li juża l-atmosfera ferrieħa ta' ċirku biex jippreżenta problemi soċjali li qed jifnu d-dinja mqallba tagħna. Permess ta' dak kollu li wieħed normalment jassoċja ma' ċirku (buffi, kontorzjonisti, akrobatiċi, klieb immansati, etc.) jiġu preżentati l-problemi tal-ġuħ fit-tielet dinja (l-akrobatiċi Indjani), il-konformiżmu (il-kontorzjonista Ċiniż), il-faxxiżmu fl-Amerika t'Isfel (is-suldat Pedro), l-Apartheid fl-Afrika t'Isfel (il-klieb immansati), u n-nuqqas ta' liberta t'espressjoni fir-Russja (il-kor).

Grazzi għall-buffi, li ma kull okkażżjoni jgħaddu kummenti ironiċi fuq dak li jkun qed jgħid il-"Master of Ceremonies" jew fuq l-atti nfushom, l-aċċent qiegħed fuq il-farsesk u l-grottesk. Iżda f'dan il-briju kollu l-buffi ma jagħmlu qatt l-iżball li jiġġudikaw – dak inħalluh għalikom!

JIEĦDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| Master of Ceremonies: | Jonathan Orlando |
| Buffi 1–5 | Emmanuel Sciberras-Mercieca, Michael Peplow, Josephine Tabone, Herman Casha, Clive Perini |
| Indjani 1 | David Degiorgio |
| Indjani 2 | Joseph Danastas |
| Pedro | Pierre Schembri |
| Cin Cin | Christopher Bartolo |
| Clarence | John Formosa |
| Clarissa | David Caruana |
| Kelb Abjad | Simon Amato |
| Kor 1–12 | Reno Coleiro, Jason Attard, Jacqueline Incorvaja, Liliana Mifsud, Carol Casha, Emma Vella, Victoria Montebello, Charles Fenech, Marvic Zammit, Dorothy Tabone, Joanne Bianco, Diana Debono, |
| Infermiera 1 | Renato Buhagiar |
| Infermiera 2 | Julian Ritchie |
| Irtokk | Elsa Romei/Maurice Siracusa, Michael Fenech |
| Għinu | Sylvia Borg, Lilian Borg Bonello, Mary Vassallo, Mrs. Peplow, Albert Cassar, Vince Bartolo. |
| Produzzjoni | Michael Fenech/ Maurice Siracusa |









SKEJJEL SEKONDARJI (ŻGĦAR) SEZZJONI B

## IL-KITBA FUQ IL-BIEB

Ta' Lord Dunsany maqluba għall-Malti minn C. Azzopardi

Skola Sekondarja Subien, Żebbuġ

Il-Kitba fuq il-Bieb hija maqluba għall-Malti u addattata mill-play oriġinali 'The Golden Doom' ta' Lord Dunsany, u ġiet ippubblikata l-ewwel darba fl-1926.

Hija ambjentata f'belt immaġinarja xi mkien fil-Mesopotamja għall-ħabta tas-sena 600 B.C.

Hija ġrajja ta' sultan b'saħħtu li jsib ruħu mhedded mill-qawwa tal-allat u mill-qawwa tas-superstizzjoni.

Tħarbix ma' bieb magħmula mit-tfal, li ma tfisser xejn għalihom, imma għall-kbar dal-kliem jiftiehem skond kif jaqblilhom.

Fil-fatt il-Qassisin fissruha kif riedu biex jieħdu dak kollu li jridu minn għand is-Sultan.

JIEĦDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| Sultan | Stephen Spiteri |
| Kunsillier | Philip Ciantar |
| Suldat 1 | Joseph Mizzi |
| Suldat 2 | Joseph Farrugia |
| Stranġier | Michael Baldacchino |
| Qassis Kbir | Philip Farrugia |
| Qassis 1 | Joseph Attard |
| Qassis 2 | Noel Psaila |
| Qaddej | Stephen Farrugia |
| Spija 1 | Frankie Gatt |
| Spija 2 | Godwin Żammit |
| Spija 3 | Charles Attard |
| Tifel | Nicholas Agius |
| Tifla | Jason Mangani |
| Qaddejja | George Borg |
| | Tommy Camilleri |
| | Joseph Farrugia |
| | Mario Caruana |
| Irtokk | M. Chircop |
| Disinn tas-Sett | A De Giovanni |
| Set Construction | Paul Bonello |
| Dwal u Affarijiet Tekniċi | T. Sammut |
| Produzzjoni | Carmel Azzopardi |

SKEJJEL SEKONDARJI (KBAR) SEZZJONI C

'IĠSMA IĦIRSA'

Ħamrun Boys Sec. School

F''Iġsma Iħirsa', dramm allegoriku modern ta' Oreste Calleja, niltaqgħu ma' persunaġġi mill-'Commedia Dell'Arte' li jridu jwasslulna messaġġ. Dawn il-personaġġi (Pantalone, Kaptan Spaventa, Pulcinella u l-oħrajn) jaħdmu l-parti tagħhom bil-maskra fuq wiċċhom. Tant ilhom jaħdmu din il-parti li jinsew, għax hekk jaqblilhom, min huma tabilħaqq fil-ħajja ta' kuljum.

Huma jirrappreżentaw lilna lkoll li bosta drabi flok nammettu r-realta u naqdu dmirijietna, nagħżlu li ngħixu taħt il-maskra li taqbel għalina biex naħarbu r-responsabiltajiet tagħna. Ħażin għalih min jipprova jwarrbilna din il-maskra minn fuq wiċċna u jurina l-verita'.

Dan li jiġrilu l-ispettur li għax ipprova jurihom s-sewwa, jingħadd bħala xewwiex u jwarrbuh minn mas-saqajn. Pierrot jaqta' qalbu mill-ġlieda tal-ħajja u għalhekk ineħħi ħajtu b' idejh. Hekk nibqgħu naħlu ħajjitna, mingħalina liberi; ilsiera tal-maskri tagħna, waqt li ninsew li l-Ħelsien veru qiegħed fl-Għarfien tal-verita' u t-twettiq tas-sewwa.

JIEĦDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| Spettatur | — Paul Parker |
| Pantalone | — Jesmond Agius |
| Arlekkinu | — Marco Vella |
| Pulċinella | — Mario Xerri |
| Kaptan Spaventa | — Simon Curmi |
| Pierrot | — Robert Vella |
| Colombina | — Maria Farrugia (bil-permess tal-head mistress tal-Iskola Sekondarja Bniet Hamrun ex Maria Assumpta) |
| Suġġeritur | — Jesmond Vassallo |
| Dawl | — Raymond Aquilina |
| Set | — Arts & Crafts Department |
| Disinn | — Is-Sur V. Harmer |
| Maskri u Props | — Is-Sur P. Gauci |
| Direzzjoni | — Is-Sur H.E. Żammit<br>Is-Sur Ph. Borg |









SKEJJEL SEKONDARJI (KBAR) SEZZJONI C

## "IR-ROBOT SAB IL-BRIMBA"

ta' Joe Azzopardi

Kulleġġ Santu Wistin, Pietà

JIEĦDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| Karfus: | Leonard Calleja |
| Virgo: | Vincent Borg |
| Chorus: | Leo Camilleri, Adrian Theuma, Richard Carabott |
| Grupp ta' Karfus: | Ronnie Said, Richard Carabott, Colin Blake, Leo Camilleri, Adrian Theuma, Hilary Borg |
| Grupp ta' Virgo: | James Bartolo, Simon Bartolo, Simon Farrugia, Frank Vella, James Degabriele, Mario Camenzuli |
| Newcaster: | Vince Zammit |
| Stageman.: | Joseph Buttigieg, Charles Zammit. |

Produzzjoni u Direzzjoni: Joe Azzopardi–Judie Farrugia.

"Aħjar jokrob bniedem!" "Aħjar jokrob annimal!" "Il-bniedem annimal!" "Il-bniedem xbieha t'Alla, maħluq għall-imħabba." Imma l-imħuħ il-kbar ma qablux. Min għandu raġun? Min minna jaf? Min minna se jbati? L-imħuħ iż-żgħar, staġnati, jinħakmu mill-imħuħ il-kbar. Il-moħħ il-kbir jagħġen l-imħuħ iż-żgħar għall-gosti tiegħu, ilibbishom nuċċali wieħed. Il-ħuta ż-żgħira tinbela' mill-kbira. Nazzjonijiet kbar jaħkmu ż-żgħar, iġelldu bniedem ma' bniedem. U l-moħħ iż-żgħir ibati l-ġuħ, il-mard, il-faqar. Is-snien jithezzu, f'silenzju ta' tama. It-tama taż-żgħir titkasbar mill-kbir, tinfaga mis-suppervja, u tibqa' tissielet għan-nifs. U t-tama tieħu n-nifs.

## KUMMENT MILL-ORGANIŻŻATURI

F'dawn l-aħħar tliet snin, it-teatru fl-edukazzjoni ngħata spinta, sewwasew għaliex bdiet tinħass il-ħtieġa li Malta wkoll tibda tapplika d-drama edukattiva biex ikunu riflessi l-espressjonijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjoni li tielgħa.

Filwaqt illi fl-iskejjel ta' l-Istat it-teatru edukattiv beda jikkultiva aħjar il-personalità ta' l-istudenti, fergħat oħrajn tad-drama edukattiva infetħu biex ikattru l-esperjenza teatrika-akkademika tagħhom: mill-1980 sal-lum, f'Malta ġew mistiedna mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni tliet kumpaniji speċjalizzati fit-teatru edukattiv, żewġ awturi tat-teatru edukattiv, attriċi li tispeċjalizza f'*solo recitals* b'orjentament soċjali, kif ukoll esperta magħrufa internazzjonalment fil-kamp tal-kritika teatrali.

Il-Festival Annwali tad-Drama fl-iskejjel jikkoinċidi ma' l-idea tat-teatru "formali". L-istudenti jimxu fuq skritt definittiv, jingħataw indikazzjoni ta' karattri speċifiċi u jimxu taħt direzzjoni speċifika. Faċilment, dan it-tip ta' teatru "formali" jista' jimblokka l-avvanz mentali ta' l-istudenti, jekk kemm-il darba dawn jingħataw direzzjonijiet biex jimitaw sitwazzjonijiet antikwati, reazzjonarji u mbegħdin mir-realta' tad-dinja tat-tmenin. Dan ngħiduħ għaliex pajjiżna iddakkar wisq mill-idjoma tat-teatrin medjokri, tip ta' "divertiment" aljenanti li ħafna drabi sewa' biss biex jipparalizza moħħ il-Maltin u jkompli jgħaddashom fin-nagħas tal-passività.

It-teatru f'kuntest edukattiv għandu jservi ta' forza kreattiva, ta' xprun għall-ħsieb u l-qawmien ta' kuxjenza soċjali. Mill-fantasija taż-żgħar għandu jgħaddi biex isegwi artistikament fenomeni u anke problemi soċjali relevanti għad-dinja tal-lum. Jista' wkoll, ngħidu aħna, jippreżenta suġġetti ta' storja li, għalkemm ġrat fl-imgħoddi, għad għandha, ċertament, eki ta' konsegwenza fuq il-grajjiet tal-lum.

Barra minn Malta, it-teatru edukattiv ilu żmien sewwa jintuża f'ħafna kuntesti: soċjali, akkademiċi, bijoloġiċi, terapwetiċi u oħrajn. F'pajjiżna bdejna nagħtu l-ewwel passi modesti. Il-kurrent tat-tradizzjoni tat-teatru aljenanti għadu qawwi wisq, u bil-mod biex tinqata' mill-proposta tat-teatru sorpassat.

Illum, fl-iskejjel Statali Maltin, qed isiru sforzi biex it-teatru edukattiv jibda jkollu sinifikat aġġornat: jeħtieġ li l-ġenerazzjonijiet il-ġodda ta' l-istudenti ma jibqgħux jaħarbu mir-realtajiet tad-dinja. L-orizzonti tagħhom ma jistgħux jieqfu fit-tarf ta' dawn ix-xibrejn art li jikkomponu lil Malta u Għawdex. L-intellett u l-iżvilupp persunali m'għandux ikollu fruntieri, la mentali u lanqas ġeografiċi. Huwa għalhekk li t-teatru edukattiv f'Malta jeħtieġ jibda jitqies (i) bħala font għall-espressjoni ħielsa (ii) bħala *medium* biex iċ-ċittadini li telgħin lejn id-dinja tal-kbar ikunu ċittadini mgħarrfin u aġġornati dwar il-ħafna komponenti kumplessi ta' l-organi soċjali. Din hija xi ħaġa assoluta li jeħtieġ jibdew jifhmu aħjar l-ewwel l-għalliema u mbagħad il-ġenituri.

L-erba' xogħlijiet li se taraw ippreżentati llum ikkwalifikaw qabel xejn bħala xogħlijiet ta' fejda, ta' ħsieb, ta' analizi, imqar soċjo-politika, fis-sens wiesa' tal-kelma. Dawn huma x-xogħlijiet li jeħtieġ li naraw aktar minnhom, għaliex huma t-tessera li turi li l-moħħ ta' l-istudenti Maltin, taħt l-iggwidar ta' l-għalliema tagħhom, beda jinfetaħ lejn direzzjonijiet ġodda, lejn impenn u responsabiltajiet maturi li teħtieġ Malta Repubblika u Newtrali.

L-organiżżaturi

## Festival tad-Drama Ta' L-Iskejjel 1982

### SEZZJONI A-SKEJJEL PRIMARJI

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Marsa Primary B | "Sunflower Park" |
| 2. | Msida Primary Mixed | "Kukkusta" |
| 3. | Naxxar Primary Mixed | "Coppelia" |
| 4. | Paola Primary B | "Jum il-birthday" |
| 5. | Qormi Primary 'B' (St. Seb.) | "B'risq in-nagħla" |
| 6. | Sannat Primary Mixed | "Min jitlob jaqla" |
| 7. | St. Augustine College, Pietà | "Il-Kaz tal-Maġġur Mustaċċiħħ" |

### SEZZJONI B-SKEJJEL SEKONDARJI (ŻGĦAR)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Corradino 'A' Boys Sec. Paola | "It-Torta u s-Sufle" |
| 2. | Cospicua Girls Secondary | "The Little Nut Tree" |
| 3. | Liċeo Vassalli, Junior Lyc., Boys, Tal-Ħandaq | "Agħmilli Ċikk" |
| 4. | Naxxar Boys Secondary A | "Iż-Żjara tal-Bambin" |
| 5. | Żebbuġ Boys Secondary, Malta | "Il-Kitba fuq il-Bieb" |

### SEZZJONI C-SKEJJEL SEKONDARJI (KBAR)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Corradino 'B' Boys Sec. Paola | "Il-Famuż Drapp tan-Nissieġa" |
| 2. | Ħamrun Boys Secondary | "Iġsma Iħirsa" |
| 3. | Junior Lyceum, Girls B'Bajda | "Skartaw l-Iskola" |
| 4. | Mrieħel Girls Secondary | "Għal waħda Tnejn" |
| 5. | Naxxar B Boys Secondary | "The Substitute" |
| 6. | St. Augustine College | "Ir-Robot sab il-Brimba" |
| 7. | Tarxien Girls Secondary | "L-Iskultur tal-Bambini" |
| 8. | Valletta Girls Secondary | "Courage" |
| 9. | St. Andrews Girls Secondary | "Johnny" |

### SEZZJONI D–SKEJJEL SEKONDARJI (KBAR)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | New Lyceum | "Il-każ tal-Qattus li miet" |

### GĦAT-TEATRU MANOEL

Booking Office: Miss M. Vassallo
Dwal: Vanni Laus
Audio: Paul Galea
Ħtiġijiet tal-Palk: E. Dalli, F. Mifsud, J. Azzopardi


Radd il-Ħajr lil:

Schools' Drama Unit: Education Department,
A. Mallia, M. Azzopardi, C. Aquilina

It-Teatru Manoel

L-Iskejjel kollha li ħadu sehem

Lil kull min għen għas-suċċess tal-Festival

Mitbugħ f'Malta mill-Interprint Limited